MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1373/2004

**GasanMamo Insurance Ltd (C 3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Nicholas Baldacchino (ID 811240M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Nicholas Baldacchino**

**Vs**

**Gauci Mark (ID 629182M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Gunju 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm258.40 (mitejn tmienja u hamsin Lira Maltin u erbghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident stradali li sehh gewwa Hal Balzan nhar it-8 ta' Ottubru, 2003.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin Lira u erbghin centezmu (Lm258.40) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tat-8 ta' Ottubru, 2003, f'Hal Balzan, bejn il-vettura bin-numru BBO 263 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru IKA 001 misjuqa minn Nadja Baldacchino u propjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici Nicholas Baldacchino, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) 'excess' imhallsa mill-assikurat tas-socjeta` attrici, Nicholas Baldacchino, li kien assikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu, 2004 u bl-imghax pagabbli mit-8 ta' Marzu, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom ghas-spejjez kontra l-istess socjeta` attrici ghar-ragun segwenti:-

Illi l-incident sehh unikament tort ta' Nadya Baldacchino li naqset izzomm "proper look out" u minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi ukoll l-ammont tad-danni qed jigu kontestati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi z-zewg xufiera qed jikkontestaw l-operat taghhom fil-mument tal-habta. Illi x-xufier ta' l-atturi jallega illi waqt li kienet miexja wara l-konvenut, dana rriversja u laqata. Il-konvenut jallega illi waqt li kien wieqaf biex jinzel il-bieb tal-garaxx bir-“remote”, ghaddiet ix-xufiera li kienet qed isuq il-vettura attrici u saret il-habta. Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni hija sintomatika, t-Tribunal ikollhu jixtarr dawk l-elementi ohra biex tigi debitata r-responsabbilta ghal dan l-incident.

Jirrizulta illi d-daqqa fuq l-vettura attrici fuq il-bieba ta' wara hija daqqa u mhux misluha kif jirrizulta mir-ritratti esibiti a Fol 41 tal-process. Dan huwa konfermat anki mis-surveyor Philippe Zammit, li xehed fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2005. Il-mesha kienet fuq l-“mudguard” ta' wara li huwa hdejn l-istess bieba u fuq il-“bumper”. Dan ifisser illi in vista li l-bieba ta' wara tax-xellug hija mifquwa u mhux mibruxa, qisu bhal meta karozza taddi wahda ma wahda jfisser illi din qalat daqqa. L-unika mezz illi dina qalghet daqqa hija billi l-vettura misjuqa mill-konvenut giet b' lura u baqghet diehla go fiha. Kif effettivament kienet ghaddejja minn maha qalghet id-daqqa fuq il-bieba ta' wara u baqghet tislajdja fuq il-“mudgar” ta' wara u fuq il-“bumper” fil-kantuniera. Dana jinsab konfortat anka fl-istess xhieda tal-konvenut meta qal illi meta hareg mill-garaxx huwa hareg skuntrat b' lura u di fatti kien qed jesporgi ftit fuq il-bankina fejn tibda t-triq wara r-rampa. Di fatti l-hsara tal-konvenut kull ma ghandu huwa illi kull ma kellu girfa. Kif hareg mill-garaxx huwa allega li kien skuntrat. Is-sewwieqa tal-vettura terga tallega li effettivament lill-vettura tal-konvenut ratha wieqaf, kellha spazju bizzejjed biex tghaddi u allura setghet timxi fit-triq taghha. F' dak il-mument meta giet ezatt wara l-vettura tal-konvenut, dana rriversja lura u saret il-habta.

It-Tribunal jaqbel mal-konvenut illi huwa hareg mill-garaxx, qaghad jistenna sakemm jalaq bir-“remote” il-bieb tal-garaxx, pero' huwa ta' l-opinjoni li peress li kien skuntrat bl-lura ma setax jara x'kien gej min-naha tax-xellug tieghu

allura meta gie biex jinzel min fuq ir-rampa, dak il-mument ghaddiet il-vettura attrici. Kif gia nghadd id-daqqiet rapportati fuq iz-zewg vetturi jirrelataw perfettament ma din il-mekkanika ta’ l-incident kif gie esposta.

Jigi rilevat ukoll illi l-vettura attrici kienet qed tigi misjuqa fit-triq u l-konvenut kien hireg mill-garaxx bir-“reverse”, jigifieri l-oneru ta’ segwir ta’ regolamenti tat-traffiku u ta’ prudenza u perizia fis-sewqan kienu ingombrati hafna iktar fuq l-istess konvenut, iktar u iktar meta ried jinzel fit-triq li kienet miftuha ghall-utenti tal-istess triq.

Illi rigward il-quantum tad-danni, dana ghalkemm gie kontestat, it-Tribunal jirrileva li huwa gustifikata u ghalhekk qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar it-8 ta’ Ottubru 2003, jilqa` t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundanna lil konvenut ihallas lil atturi is-

somma ta’ mitejn u hamsin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm250.40) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------